# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tlieta u ghoxrin (23) ta' April 2018**

**Rikors Numru 117/15 FDP**

**Maria Rosaria Farrugia**
**(ID 1446M)**

**vs**

**Martin Formosa, fil-kapacita tieghu bhala President, Anthony Zammit fi-kapacita' tieghu bhala Segretarju u Felic Zerafa fil-kapacita' tieghu bhala Tezorier tas-Socjela Muzikali Santa Marija, Qrendi ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess, u Thomas Smith Insurance Agency Limited.**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 15 ta' April 2015 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati:

> *thallsuha is-somma ta' €6,350 oltre l-imghax legali mill-ittra ufficiali tal-14 ta' Ottubru 2014 rapprezentanti danni minnha sofferti, li jikkonsistu in kwantu ghal €4700 valur tal-karozza Mercedes A class b'numru ta' registrazzioni ROS 068 li giet ikkundannata bhala total loss u dan skond il-market value tal-karozza hawn anness u mmarkat Dok DB1, €450 rapprezentanti l-valur ta' diversi oggetti li kienu jinsabu fil-karozza fosthom GPS u in kwantu ghal €1200 rapprezentanti speijez interkorsi mill-esponenti ghall-kiri ta' karozza ohra u dan in segwitu ghall-incidenti li sehh il-15 ta' Awwissu 2014 fejn minhabba traskuragni, negligenza, nuqqas ta' harsien ta' regolamenti tal-piroteknika, b'mod perikoluz u b'nuqqas ta' sengha w arti, il-karozza Mercedes A class proprieta' ta Maria Rosaria Farrugia sfat mahruga kompletament u dan wara li din giet milquta minn murtal li ttajjar mis-societa' muzikali intimata waqt il-festa ta' Santa Marija tal-Qrendi tas-sena 2014 u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzioni tal kawza u kif johrog mir-rapport maghmul lill-Pulizija li qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok DB2 u mill Fire Investigation Report maghmul minn David Borg Saydon wara li gie imqabbad*

*mill-kumpanija assikuratrici intimata, li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok DB3.*

*Illi intimata Thomas Insurance Agency Limited hija l-kumpanija assikuratrici tal-ghaqda muzikali intimata.*

*Illi minkeija diversi interpellazzjonijiet inkluza ittra ufficiali tal-14 ta' Ottubru 2014 li kopia taghha qieghda tigi hawn mmarkata Dok DB4, l-intimati xorta wahda baqghu inadempienti u dan minkeija sahansittra is-societa' assikuratrici intimata gia ammettiet illi it-tort.*

Rat ir-risposta tas-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited, ippresentata fl-24 ta' April 2015, fejn qajjem is-segwenti eccezzjonijiet:

*Illi hija ma ghandha l-ebda relazzioni guridika mal-attrici stante li hija la kienet involuta b'xi mod u manjiera fl-okkazjoni tal-14 ta' Awwissu 2014 li fiha allegatament giet danneggjata l-vettura ROS 068, u lanqas kienet b'xi mod kompartecipi fl-attivitajiet li taw lok ghal dawn id-danni, kif langas ma harget polza ta' assigurazzioni li tkopri l-vettura inkwistjoni jew l-attivitajietli taw lok ghad-danni reklamati mill-attrici.*

*Illi l-esponenti langas ma ghandha xi relazzioni guridika mas Socjeta Muzikali Santa Marija Qrendi.*

*Illi konsegwentement hija ma hijiex il-legittima kuntradittrici tal attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

Rat l-eccezzjonijiet ippresentati mill-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Felic Zerafa bhala President, Segretarju u Tezorier tas-Socjeta Muzikali Santa Mariha Qrendi fit 18 ta' Gunju 2015 fejn qalu illi:

*1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dawn ghandhom jigu michuda bl-ispeijez stante illi l-konvenuti kienu koperti bil-permessi mahruga mill-awtoritajiet u segwew il-kundizzjonijiet kollha abbiliti fl-istess permessi u ghaldaqstant l-agir tal-konvenuti kien kollu fil-parametri tar-regolamenti tal-piroteknika.*

*2. Illi l-konvenuti qeghdin bil-qawwa kollha jirrespingu l-allegazzioni migjuba mill-attrici illi tali incident huwa imputabbli ghall-konvenuti stante illi kien l-agir traskurat, negligent ta' l-attrici u/jew ta' min tqabbad minnha li seta s dan l-incident kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza*

*3. Illi l-konvenuti qeghdin jikkontestaw ukoll l-ammonti pretizi mill-attrici.*

Semghet ix-xhieda ta' **Ian Busuttil** moghtija fil 15 ta' Ottubru 2015 u prodott mir-rikorrenti u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **John Busuttil** moghtija fil 15 ta' Ottubru 2015 u prodott mir-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta' **Robert Farrugia Vella** moghtija fil 15 ta' Ottubru 2015 u prodott mir-rikorrenti.

Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2015 il-Qorti appuntat bhala Surveyor lill Peter Bonnici sabiex jikkonstata l-istat tal-vettura ROS 068.

Semghet ix-xhieda ta' **David Borg Saydon**, moghtija fit 23 ta' Novembru 2015 u prodott mir-rikorrenti.

Rat ir-rapport tas-Surveyor Peter Bonnici ippresentat fl-1 ta' Frar 2016 u mahluf fl-4 ta' Lulju 2016 (fol 74)

Rat illi fis 27 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat l-affidavit ta' **Felic Zerafa** u **Mario Zerafa** ppresentati fit 12 ta' Dicembru 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni kollha minnhom ppresnetati, fosthom permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija lill Felic Zerafa (fol 90).

Sema x-xhieda ta' **Kevin Borg Degiorgio**, rappresetant tas-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited u moghtija fit 12 ta' Dicembru 2016.

Rat illi fis 6 ta' Marzu 2017 is-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Stephen Friggieri** u **Joseph Zammit**, 'fire fighters', moghtija fit 8 ta' Mejju 2017 u prodotti mill-intimati.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Joseph Busuttil u Ian Busuttil moghtija fit 12 ta' Ottubru 2017.

Semghet ix-xhieda in kontro exami ta' David Borg Saydon moghtija fil 15 ta' Jannar 2018.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Felic Zerafa u Mario Zerafa moghtija fil 5 ta' Frar 2018 u rat il-polza tal-assikurazzjoni mahruga a favur ta' Felic Zerafa mis-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited fil-21 ta' Lulju 2014 (fol 174)

Rat illi fil 5 ta' Frar 2018 il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat illi fid 9 ta' April 2018, deher biss il-konsulent legali tar-rikorrenti, illi ghamel it-trattazzjoni tieghu, filwaqt illi l-intimati w il-konsulenti legali taghhom, imsejjhin diversi drabi, ma dehrux.

Rat illi fid 9 ta' April 2018 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimata Maria Rosaria Farrugia kienet is-sid tal-vettura Mercedes A Class, bin-numru ta' registrazzjoni ROS068, liema vettura kienet fil-pussess ta' Ian Busuttil illi jahdem fil-kumpannija ta' iben ir-rikorrenti, Robert Farrugia Vella.

Jirrizulta illi fil-15 ta' Awissu tas-sena 2014, il-vettura, li kienet fil-pussess ta' Ian Busuttil, kienet gewwa r-razzett ta' missieru, John Busuttil, gewwa Lourdes Farmhouse, Qrendi, fejn kemm Ian Busuttil u John Busuttil kienu qed joqghod flimkien mal-familjari tieghu.

Jirrizulta illi dakinhar, is-Socjeta Muzikali Santa Marija kienet qieghda tahraq in-nar tal-festa tal-Qrendi, illi tinzamm nhar il-15 ta' Awissu, minn sit fil-vicinanzi ta' fejn kien ir-razzett u residenza ta' John Busuttil, missier Ian Busuttil.

Jirrizulta illi l-vettura kienet ipparkjata gewwa drive-in illi hemm bhala parti mir-razzett ta' John Busuttil, u dina taht tinda hadra illi kienet sservi bhala lqugh ghax-xemx.

Jirrizulta illi, mument minnhom, filghaxija, hekk kif kienu qed jispiccaw it-tlugh tan-nar ta' parte tas-Socjeta Muzikali Santa Marija, ttellghet hekk imsejjha 'bomba' illi, madanakollu, ma haditx kif mixtieq u waqghet 'l isfel qabel ma hadet kompletament, bir-rizultat illi partijiet minnha waqghu fid-dintorni tar-razzett ta' John Busuttil, kif ukoll gewwa l-istess razzett.

Jirrizulta, di fatti, illi wiehed mill-murtali ta' dina l-bomba, nizel gewwa d-drive-in fejn kienet ipparkjata l-vettura Mercedes ROS 068, u wara illi dina nifdet it-tinda hadra illi kien hemm fid-drive, baqghet niezla fuq il-windscreen ta' quddiem tal-Mercedes, bir-rizultat illi faqgghet il-windscreen ta' l-istess karozza u qabbdet in-nar fil-vettura.

Jirrizulta illi John Busuttil u Ian Busuttil, illi kienu ndunaw x'gara, ippruvaw jitfu n-nar bil-pipe ta' l-ilma illi kellhom, u irnexxilhom jikkontrollaw xi ftit in-nar b'mod illi ma inferixx fil-parti ta' wara tal-vettura fejn kien hemm il-petrol tal-vettura, u eventwalment meta wasslu fuq il-post l-Iskwadra ghat-Tifi tan-Nar, in-nar kien kontrollat w l-Membri ta' l-Iskwadra ghenu biss biex jassikuraw illi n-nar ma jerrghax jaqbad.

Jirrizulta illi, bhala rizultat ta' dana l-incident, il-vettura soffriet hsarat estensivi fil-karozza, tant illi l-espert tekniku mqabbad minn dina l-Qorti, s-Surveyor Peter Bonnici, kellu dan xi jghid dwar il-vettura meta huwa raha (fol 74):

> *The vehicle in question has sustained severe damage caused by external fire source.*
> *Fire damage is concentrated mainly at the base of the windscreen and upper section of dashboard.*
> *These include complete meltdown of wiring harnesses, grilles and plastic components and dashboard itself.*
> *Airbags (Diver and Passenger) were deployed – probably cause being a short circuit on the main harness.*
> *Other damages appear on the roof panel, tailgate and rear bumper – these too appear to have been caused ny burning fragments.*
> *Some cabin upholstery and control buttons and switches sustained heat radiation damage*
> *Repairs on this vehicle are not viable.*
> *Value a at time of incident (2014) was in the region of €5,300.*

Jirrizulta illi ghalkemm ir-rikorrent interpellat lill-intimati sabiex ihallsu permezz ta' Ittra Ufficjali datata 14 ta' Ottubru 2014 (fol 16), dawna baqghu inadempljenti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited sahqet illi hija ma kellha ebda polza ta' assikurazzjoni u ebda relazzjoni guridika la mar-rikorrenti u wisq anqas ma' l-intimati, u ghalhekk kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Jirrizulta illi l-intimati, da parte taghhom, sahqu illi huwa kellhom il-permessi kollha mehtiega biex jaharqu n-nar u l-incident kien rizultat ta' "*l-agir traskurat, negligenti ta' l-attrici u/jew min tqabbad minnha li seta sehh dan l-incident*"

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, skond dokumentazzjoni esebita mill-intimat Mario Zerafa, illi s-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited kienet harget polza ta' assikurazzjoni 'Third Party Liability' a favur ta' "*various Members of the Malta Pyrotechnic Society as noted below ... Mr Felix Zerafa*" u dana ghall-Festa Santa Marija, Qrendi tal-15 ta' Awissu 2014. (fol 174)

Jirrizulta, ghalhekk, illi s-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited kellha polza tal-assikurazzjoni illi kienet qieghda tkopri l-attivita' tal-hruq tan-nar u kienet tkopri lill Felic Zerafa, fost persuni ohra responsabbli ghall-piroteknika.

Jirrizulta wkoll, skond dokumentazzjoni esebita minn Felic Zerafa, illi huwa kellu permess mahrug mill-Pulizija "*Biex jinharqu l-murtali mill-postijiet maghrufa bhala l-Gwiewet, Hal-Lew u tal-Hotba nhar il-15 ta' Awissu 2015.*" (fol 90)

Jirrizulta bla ebda dubju, illi dakinhar illi sehh l-akkadut, l-unika murtali illi kienu qed jittellghu fil-vicinanzi kienu dawk tas-Socjeta Muzikali Santa Marija, u ghalhekk ma ghandu jkun hemm ebda dubju illi l-murtal illi waqa fuq il-vettura tar-rikorrenti ROS 068 kien murtal imtella u mahruq mis-Socjeta Muzikali Santa Marija, illi taghhom l-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Felic Zerafa kienu responsabbli bhala President, Segretarju u Tezorier rispettivament.

Jirrizulta, finalment, illi l-vettura ma kienetx barra fit-triq fil-mument tal-hruq tan-nar, izda kienet gewwa l-propjeta privata ta' John Busuttil, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tip ta' immaginazzjoni l-intimati kkonkludew illi l-incident tal-waqa' tal-murtal fuq il-vettura ROS 068 kien rizultat tat-traskuragni tar-rikorrenti jew min kien fdat bil-vettura taghha, kif jghidu .

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti, fir-rikors promotur taghha, talbet illi tithallas is-somma ta' €6,350 illi, kif minnha stess indikat, kien jinkludi s-somma ta' €4,700 bhala valur tal-vettura innifisha, €450 bhala valur ta' diversi oggetti fosthom GPS illi kien hemm fil-vettura u €1,200 rappresentanti spejjez ta' kiri ta' karozza.

Jirrizulta, madanakollu, illi r-rikorrenti ma ppresentat ebda dokument in sostenn ta' l-ispejjez minnha mitluba, ghajr ghal kopja ta' "*Vehicle Value Guide*' - ma ppresentaw ebda ricevuti jew valutazzjonijiet ta' "*oggetti fosthom GPS illi kien hemm fil-vettura*" u lanqas ma ppresentaw xi fattura jew pagament in konnesjoni ma' "*kiri ta' karozza*", u dana minkejja illi kellhom diversi seduti sabiex jippresentaw il-provi taghhom.

Jirrizulta, izda, illi l-Espert Tekniku mqabbad minn dina l-Qorti, ossija s-Surveyor Peter Bonnici, stqarr illi "*value as at the time of incident (2014) was in the region of €5,300*"

Tenut kont tal-fatt illi l-valur stabbilit mis-surveyor kien ta' madwar €5,300, dana jfisser illi s-somma mitluba ghall-vettura da' parte tar-rikorrenti, ossija €4,700 hija wahda gusta u ppruvata.

L-ispejjez l-ohra minnha miltuba, madanakollu, ma gewx ippruvati u ghalhekk ma jistghux jigu kkunsidrati mill-Qorti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat ir-rapport tal-Espert minnha imqabbad,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Felic Zerafa kif ukoll dawk tas-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited,

**Tiddikjara** lill intimati Martin Formosa, Anthony Zammit u Felic Zerafa bhala President, Segretarju u Tezorier rispettivament tas-Socjeta Muzikali Santa Marija bhala responsabbli ghall-hruq tal-vettura Mercedes A Class bin-numru ta' registrazzjoni ROS 068 illi sehhet gewwa Lourdes Farmhouse, Qrendi wara li waqa' murtal tan-nar fuq l-istess vettura fil 15 ta' Awissu 2014.

**Tillikwida** d-danni sofferti rizultat ta' tali incident fis-somma ta' erbat elef u sebgha mitt ewro (€4,700)

**Tikkundanna** lill intimati Martin Formosa, Anthony Zammit, Felic Zerafa u Thomas Smith Insurance Agency Limited in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' erbat elef u sebgha mitt ewro (€4,700).

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mill-14 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv ikunu a kariku ta' l-intimati kollha in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur